MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 344/2006

**Maltacom p.l.c. C 22334**

**Vs**

**Ramla Developments**
**Company Limited C- 83823**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' April, 2006 fejn gie premess illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u sittax il-Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM816.23) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21634195 gja 684195 u 633933 gja 824933 (skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok A, B, C, u D. Illi s-socjeta` konvenuta giet nterpellata sabiex

tghaddi ghal-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta tat-30 ta' Dicembru 2006 fejn gie eccepit (1) illi s-socjeta` esponenti ma hijiex qed tikkontesta t-talbiet attrici in kwantu dawn jirrigwardaw il-linja tat-telefon 21634195 gja 684195 u (2) illi s-socjeta` konvenuta qed tikkontesta t-talbiet tas-socjeta` attrici ghar-rigward tal-linja tat-telefon 633933 gja 824933 stante li tali talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jigi spjegat ahjar fl-mori ta' dina il-kawza.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` x-xhieda kollha prodotti.

Ra illi b'ebda mod ma` s-socjeta` konvenuta ssostanzjat l-eccezzjoni taghha fuq parti mis-somma mitluba filwaqt illi fuq parti ohra hemm ammissjoni.

**Ikkunsidra** :

Illi l-PL Noel Scerri ghas-socjeta` attrici kkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont kollu kien ghadu dovut.

Illi anke jekk fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2007, gie vverbalizzat b'mod car illi s-seduta tat-13 ta' Lulju 2007 kellha tkun l-ahhar seduta ghall-provi tas-socjeta` konvenuta – xorta wahda ghas-seduta tat-13 ta' Lulju 2007 ma deher hadd mis-socjeta` konvenuta.

Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi in sostenn tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, fuq l-ammissjoni (in parti) ta' l-istess socjeta` konvenuta kontenenti l-ewwl parti tar-risposta taghha u fuq il-provi mressqa mis-socjeta` attrici, it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta

thallas lil dik attrici s-somma ta' tmien mija u sittax il-Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm816.23), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------